MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 536/2012

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elf disa` mija tmienja u tmenin (Ara Dok. A - certifikat taz-zwieg anness) ;

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed jismu S li llum huwa maggorenni u ghalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Pierre Cassar fid-disgha u ghoxrin ta' Lulju tal-elf disa' mija u tlieta u disghin) (Ara Dok. B anness).

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom stante illi minbarra li il-partijiet ilhom separati ghal kwazi ghoxrin sena, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn ;

Illi l-manteniment a favur il-mara ma hemmx peress li l-partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt taghhom ghall-manteniment (ara klawsola numru sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok. B.)

Illi l-mara tixtieq li tirriverti lura ghal kunjomha ta' xebba u cioe` Caruana u dan ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap 16.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg li gie celebrat fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elf disa mija tmienja u tmenin (1988);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghas-seduta tallum;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Lulju, 1993 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi il-partijiet kienu iddekadew reciprokament mid-dritt li jitolbu, jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi iben il-partijiet illum huwa maggorenni u ma hemmx manteniment dovut ghal dan il-wild;

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Caruana u il-Qorti qeghda tilqa din it-talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe’ Caruana.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------